

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ ATALANTA/5/2009

tal-10 ta' Ġunju 2009

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ATALANTA/2/2009 dwar l-aċċettazzjoni ta' kontributi ta' Stati terzi għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ATALANTA/3/2009 dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributori għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)

(2009/446/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tagħha dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ATALANTA/2/2009 tal-21 ta' April 2009 dwar l-aċċettazzjoni ta' kontributi ta' Stati terzi għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) ⁽²⁾ u d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ATALANTA/3/2009 tal-21 ta' April 2009 dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributori għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) ⁽³⁾, u l-addendum magħha ⁽⁴⁾,

Billi:

- (1) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE laqqa' l-Konferenzi dwar il-Ħolqien u l-Forniment ta' Forzi fis-17 ta' Novembru 2008, fis-16 ta' Diċembru 2008 u fid-19 ta' Marzu 2009.
- (2) Fuq rakkomandazzjonijiet tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea dwar kontribut mill-Kroazja, il-kontribut mill-Kroazja għandu jiġi aċċettat.
- (3) Konformement mal-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni

u l-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà Atalanta/2/2009 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Kontributi ta' Stati Terzi

Wara l-Konferenzi dwar il-Ħolqien u l-Forniment ta' Forzi, il-kontributi tan-Norveġja u l-Kroazja għandhom jiġu aċċettati għall-operazzjoni militari tal-UE bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ('Atalanta')."

Artikolu 2

L-Anness mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà Atalanta/3/2009 għandu jiġi mmodifikat kif ġej:

"ANNESS

LISTA TA' STATI TERZI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2 (1)

— In-Norveġja

— il-Kroazja".

Magħmula fil-Lussemburgu, 10 ta' Ġunju 2009

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

I. ŠRÁMEK

(1) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

(2) ĠU L 109, 30.4.2009, p. 52.

(3) ĠU L 112, 6.5.2009, p. 9.

(4) ĠU L 119, 14.5.2009, p. 40.